IL-BIRGU

Citta' Vittoriosa

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Birgu

Is-Sebgha Legislatura

Laqgħa Numru 70

25 ta` Frar 2019

Il-Kunsilli Lokali Birgu ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Berga ta` Franza, Triq Hilda Tabone Birgu fil-sitta u ghoxrin ta' filghaxija.

**PREŻENTI:**

Is-Sur John Boxall – Sindku
Is-Sur Lawrence Attard – Kunsillier
Is-Sur Anton Gellel - Kunsillier
Is-Sur Trevor Mizzi – Viċi Sindku
Is-Sur Eman Zerafa – Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Is-Sinjura Lara Mascena – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku s-Sur John Boxall qal it-talba u ppresedja l-laqgħa.

### 70.1 Qari ta` Ittri ta` Apologija

Is-Sindku nforma lil dawk prezenti li ma kienx hemm ittri ta` apologija.

### 70.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

Is-Segretarju Ezekuttiv ipprezentat il-Minuti tal-Laqgha Nru 66(07) u 67(07) fejn gew approvati bi qbil unanimu.

**<u>Punti mqajma mill-Minuti</u>**

70.2.1 Is-Sur John Boxall ghamel referena ghall-konferenza li ser titella` f`Nizza di Sicilia, fejn talab sabiex il-Kunisll jistqsi kemm ser ikun hemm Sindki prezenti, jekk iridux nhejju xi filmat fuq il-Birgu u aktar informazzjoni dwar l-intercultural dinner li ser ssir. Dwar dan is-Segretarju Ezekuttiv hadet nota biex isaqsi lill-Lead partner. *(Minuti 67(07) 67.3.1)*

70.2.2 Is-Sindku talab sabiex waqt l-attivita tal-Karnival li ser titella` nhar is-Sibt 2 ta` Marzu, jinghtaw tokens lill-gruppi kollha taz-zfin bhala apprezament tal-partecipazzjoni taghhom. Dwar dan kien hemm qbil unanimu. Is-Sur Anton Gellel talab sabiex il-Kunsill jaghmel kuntatt mall-kuntrattur tat-tizjin ta `dawl fit-toroq sabiex jghaddi l-cables mehtiega biex jinxteghlu rifletturi ghal waqt l-attivita tal-Karnival. Dwar dan kien hemm qbil minn dawk prezenti. *(Minuti 67(07) 67.3.7)*

### 70.3 Korrispondenza

70.3.1 Prezentata l-kwotazzjoni ta` rumble strips li ser jigu nstallati fi Triq Pawlu Boffa. L-kwotazzjoni tammonta ghall- 1,858.50Euros. Is-Sindku spjega li wiehed irid jara ezatt fejn ser jigu nstallati dawn humps.

70.3.2 Prezentata l-kwotazzjoni tac-cigarette bins u mini bins li gew prezentati waqt laqgha plenarja li saret mill-AKL. Is-Sindku talab sabiex tingab l-informazzjoni ta` min jimporta dawn il-prodotti.

70.3.3 Giet diskussa l-materja dwar ir-rivizjoni tal-kera tal-garaxx lis-Socjeta Muzikali Banda San Lawrenz. Is-Sindku nforma lil dawk prezenti li huwa flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv kellhom laqgha mall-avukat tal-Kunsill sabiex bhal ma gie deciz fil-laqghat precedenti, il-Kunsill talab ghall-parir legali jekk hemmx xi ligijiet dwar l-gholi tal-kera. Wara diskussjoni, s-Sindku propona li l-kera ssir ghall-1,100Euro. Is-Sur Boxall propona ukoll li l-Kunsill ghandu jiehu parir legali jekk il-Kunsill ghandhux jifthiem ma` dan il-Kumitat prezenti tal-istess Socjeta jew ghandhux jaghmel ftehim mill-gdid mall-Kumitat il-gdid wara Mejju 2019 u dan ikun ifisser li l-Kunsill Lokali tal-Birgu li ser jigi elett f`Mejju jaghmel mall-istess Socjeta. Is-Sur Eman Zerafa ssekonda u kien hemm qbil unanimu.

70.3.4 Gie prezentat il-poster tal-Jesus Christ Superstar, liema attivita ser titella` minn Ten08 bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill Lokali tal-Birgu. Din giet approvata minn dawk prezenti.

70.3.5 Prezentata korrispondenza li waslet ghand il-Kunsill minn Sinjura li garbet xi hsarat fil-vettura taghha. Dan sehh meta panela tac-cctv camera li l-Kunsill Lokali tal-Birgu ghandu nstallata Fuq il-Fortini taret bir-rih kawza tal-maltemp li ghamel. Dwar dan gie deciz li nkellmu l-agenzija tal-assigurazzjoni.

70.3.6 Prezentata korrispondenza dwar l-annual fee ta` €500 tal-Assoccjazzjoni AVEC. Dawk prezenti qabblu li din ghandna tithallas.

70.3.7 Giet diskussa korrispondenza li l-Kunsill ircieva mill-Cottonera Resource Centre dwar ghajnuna finanzjarja ta` mitt ewro sabiex tkun ta` ghajnuna ghall-kors edukattiv li ser jaghmlu relatat mall-Gimgha Mqaddsa, li minnu ser jibbenifikaw ir-residenti tal-lokal. Dwar dan il-Kunsill qabel unanimement li jisponsorja s-somma ta` mitt ewro lill-Cottonera Resource Centre ghall-beneficcju tar-residenti tieghu.

70.3.8 Prezentata l-kwotazzjoni ghas-servizz ta` evalwatur fil-bord sabiex jigi aggudikati l-offerti tas-servizz tal-knis fil-lokalita tal-Birgu. Il-Kunsill approva din il-kwotazzjoni.

70.3.9 Prezentata korrispondenza dwar progett bl-isem Cross Over, fejn il-Kunsill wera l-interess f`dan il-progett.

70.3.10 Prezentata Cirk SPI/SCI/2/2019 dwar kors li jitratta tqassim tal-hin u l-flus ghall-gid ta` sahhtek, liema kors ser jigi ffinanzjat mill-PWC bil-

kollaborazzjoni mad-Dipartiment tas-Sahha Pubblika. Il-Kunsill wera l-interess tieghu biex isir dan il-kors fil-lokalita tieghu.

70.3.11 Is-Sindku prezenta ittra li waslet ghand il-Kunsill minghand is-Sindku ta` Cefalu sabiex issir gemellag bejn iz-zewg lokalitajiet. Is-Sindku nforma lil dawk prezenti li ser jaghmel komunikat mas-Sindku sabiex jidiskutu ahjar l-ideja ta` din it-talba.

70.3.12 Giet prezentata korrispondenza dwar installazzjoni ta` speed cameras fil-lokalitajiet.

70.3.13 Il-Kunsill wera interess biex jkun partner fi progetti tal-Erasmus + bl-isem *"Food and Multiculturalism: Taste of Mediterranean, Creating Our Business"*, *"UNIDI – United in Diversity"* u *"YOP – Youth OlimParty"* .

70.3.14 Is-Sindku nforma lil dawk prezenti dwar korrispondenza relatata mall-parkegg, fejn huwa spjega li kellu laqgha mas-Sur Spiteri mill-MMH Malta Ltd fejn gie spjegat lilu dwar soluzzjoni innovativa ta` kif tista` tnaqqas il-problema tal-parkegg, billi tinbena struttura tal-hadid fejn iservi ta` parkegg ghal ammont sostanzjali ta` vetturi.

70.3.15 Giet moqrija korrispondenza li ntbghtet lis-Sinjura Cheryl Falzon dwar is-sitwazzjoni tal-Librerija Regjonali li tinstab minghajr librar. Il-Kunsill talab sabiex jintbghat persuna mharrga ta` librar sabiex tiehu hsieb il-liberirija bl-aktar mod efficjenti.

70.3.16 Prezentata l-membership fee tal-Walled Towns li tammonta ghall-150Euro. Il-Kunsill qabel unanimament li din m`ghandhiex tithallas aktar.

70.3.17 Prezentata korrispondenza dwar SPI/SCI/1/2019 dwar Inizjattiva ta` Ghajnuna ghall-Korsijiet tal-Lifelong Learning 2019/2020, fejn il-Kunsill applika ghall-diversi korsijiet fosthom tal-kompjuter, ganutell.

70.3.18 Giet moqrija korrispondenza li ntbghatet mill-Arcipriet ta` Bormla dwar website li ser ssir biex tkun ta` ghajnuna ghal dawk ir-residenti barranin li jghixu fil-Kottonera. Il-Kunsill gie mitlub sabiex jhallas is-somma ta` erbghin ewro fis-sena sabiex din il-website tkun tista` tibqa tiffunzjona. Dwar dan il-Kunsill ma qabilx.

70.3.19 Pezentata korrispondenza mibughta mill-artista Anna Galea dwar esebizzjoni tal-arti li ser ssir f`Malta bejn is-7 u 26 ta` Frar 2020, fejn ntweriet

ix-xewqa parti mill-esebizzjoni ssir gewwa l-Birgu. Dwar dan il-Kunsill ma jsib l-ebda ogezzjoni u qabel unanimament.

70.3.20 Is-Sindku nforma lil dawk prezenti li dog litter bins bdew jitwahhlu u fejn dwar dan l-Kunsill informa lill-MTA, u dan ghal fatt li din l-Awtorita ser taghmel tajjeb ghall spejjez ta` dawn il-bins.

70.3.21 Is-Sindku nforma lil dawk prezenti li huwa kiteb lis-Sur Michael Cohen sabix jinforma dwar lis-Sur Fredrick Azzopardi, Charmain ta` Infrastracture Malta dwar il-progett tal-Pjazza, fejn il-Kunsill wera li jinsab imhasseb li din il-pjazza ser ssir bl-asphalt flok pavimentata kif kien pppjanat li ssir snin ilu. Is-Sindku zied jghid li l-Kunsill sa anke ghandu l-permessi kollha mehtiega mill-Awtorita tal-Ippjanar. Wara diskussjoni, il-Kunsill qabel unanimament li l-istess Kunsill jazghel li ssir Triq La Vallette minflok il-pjazza, biex b`hekk fit-tieni fazi jsiru Triq La Vallette u Triq San Filippu.

70.3.22 Prezentata korrispondenza li l-Kunsill ircieva mill-Perit tal-Kunsill dwar xoghlijiet fuq bankina fi Triq Santa Skolastika. Is-Sindku talab sabiex il-Kunsill jinforma lill-persuna li ghamlet it-talba sabiex tigi nfurmata bil-process li jrid issir minn naha taghha.

70.3.23 Prezentat l-overtime tal-haddiema klerikali tal-Kunsill ghax-xahar ta` Jannar. Dan gie approvat unanimament minn dawk prezenti.

**70.4 Decizjoni dwar Triq l-10 t`Awwissu**

Is-Sindku spjega kif il-Kunsill ghamel it-talba tieghu mad-Direttur tal-Gvern Lokali sabiex il-Kunsill jinghatalhu permess biex ikun jista` johrog direct order sabiex jaghmel din it-triq fl-iqsar zmien possibli qabel ma jigri xi incident. IS-Sur Boxall spjega li mill-kwotazzjoni li ghandu l-Kunsill, din it-triq ser tigi tiswa madwar hmistax –il elf ewro. Dwar dan il-membri kollha tal-Kunsill qabblu li ssir din it-triq.

**70.5 Decizjoni dwar il-hatra ta` DPO mall-Kunsill Lokali tal-Birgu**

Il-Kunsill b`vot unanimu qabel li jimpjega DPO indipendenti u dan ghal fatt li l-Kunsill m`ghandhux impjegati bizzjjed biex jokupaw din il-kariga.

Fit-19:45hr Is-Sur Anton Gellel talab sabiex jigi skuzat ghal ftit hin.

**70.6 Approvazzjoni tal-Annual Budget 2019**

Gie prezetat l-Annual Budget ghas-sena 2019, fejn dan l-istess rapport kien intbghat lill-membri kollha tal-Kunsill ghall-attenjzoni taghhom. Is-Sindku propona li dan id-dokument jigi approvat u dwar dan kien hemm qbil unanimu.

20.06hr Is-Sur Eman Zerafa talab sabiex jigi skuzat.

**70.7 Komunikazzjoni mis-Sindku**

70.7.1 Is-Sur John Boxall nforma lil dawk prezenti li s-Sur Marco Agius rega` wera l-interess sabiex fiz-zmien il-Gimgha Mqaddsa jarma bl-istatwi life size fil-kantina tal-Berga ta` Franza, fejn jinsabu l-ufficini tal-Kunsill. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

70.7.2 Is-Sindku nforma lil dawk prezenti li t-Tnejn 4 ta` Marzu sre jigu nstallati l-bollards fi Triq Desain u l-Kardinal u dan sabiex jigi evitat li jipparkjaw il-karozzi fuq il-bankina.

70.7.3 Is-Sindku talab sabiex kuljum impjegat tal-Kunsill irid jmur jiccekja c-cctv cameras li hemm nstallati Fuq il-Fortini u dan sabiex jitnehha kull abbuz. Dwar dan kien hemm qbil minn dawk prezenti.
70.7.4 Is-Sindku nforma lil dawk prezenti li rapprezentanti mir-Rotary Club gew izuru l-binja tal-Kunsill u dan sabiex jaraw ix-xoghol li sar fil-purtelli tal-intrata tal-Berga ta` Franza. Dakinhar stess, l-istess Club prezenta d-donazzjoni ta` elf ewro lill-Kunsill li ghamlu tajjeb ghall-parti mill-ispiza li nefaq il-Kunsill biex saru dawn iz-zewg purtelli.

70.7.5 Is-Sur John Boxall nforma lil dawk prezenti li waqt laqgha li saret mar-rapprezentanti tal-Wasteserv, il-Kunsill gie nfurmat wara I bdiet fis-sehh il-gbir tal-iskart organiku, il-lokalita tal-Birgu tinsab fuq quddiem nett ta` kif qed jigi generat u separate l-iskart. Is-Sindku zied jghid li dan qed issir sforz kemm il-Kunsill jirsisti fuq l-indafa fil-lokalita.

70.7.6 Is-Sur Boxall ghamel referenza ghall-gemellagg li ser ssir nhar il-Hadd filghodu, 10 ta` Marzu 2019 mall-belt ta` Vignanello, fejn spjega li l-programm tal-attivitajiet bejn it-8 u l-11 ta` Marzu dak jigi ffinalizat. Barra minn hekk propona sabiex ghal Hadd 10 ta` Marzu, il-Kunsill ghandu jikteb lill-MTA sabiex l-istess Kunsill jigi provdut stakkament ta` 13-il persuna tal-Inguardia biex tilqa` lid-delegazzjoni f`Couvre Porte. Dwar dan kien hemm qbil.

**70.8 Twegibiet ghall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

Ma kienx hemm mistoqsijiet.

**70.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta` Pagamenti**

Is-Sindku, s-Sur John Boxall ressaq ghall-approvazzjoni l-Iskeda tal-Pagamenti li tkopri c-cekkijiet bin-numri, BOV 4601 sa` BOV 4667, fejn cekk numru BOV4604 gie kkancellat u cekkijiet bin-numri, HSBC 9761 sa` HSBC 9768 fejn cekk HSBC9766 gie kkancellat. Il-Kunsill approva b'mod unanimu l-Iskeda ta' Pagamenti ddatata 22 ta` Jannar sal-25 ta` Frar 2019.

**70.10 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-laqgħa intemmet fit-tmienja u ghoxrin ta` filghaxija (8.20pm). Il-Laqgha giet aggornata ghal nhar it-Tlieta 12 ta`Marzu 2019 fil-hamsa ta` filghaxija.

Konfermati illum it-Tnejn 1 ta` April 2019

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| John Boxall<br>Sindku | Lara Mascena<br>Segretarju Eżekuttiv |